— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni bid-data tas-17/06/2014 fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru B 001988727 fir-rigward tas-servizzi li għalihom ntlaqgħet l-oppożizzjoni;

— tibgħat il-kawża lura għand l-UASI sabiex ikun jista' jemenda d-deċiżjoni fuq is-sustanza tal-każ u jirreġistra t-trade mark Komunitarja Nru 010359222 fir-rigward tas-servizzi kollha koperti, bla ħsara għal dawk li mhumiex ikkontestati;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, il-Bord tal-Appell u l-Qorti Ġenerali.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2016 – La tarte tropézienne vs UASI (LA TARTE TROPÉZIENNE 1955. SAINT-TROPEZ)**

**(Kawża T-7/16)**

(2016/C 090/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* La tarte tropézienne (Cogolin, Franza) (rappreżentant: T. Cuche, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "LA TARTE TROPÉZIENNE 1955. SAINT-TROPEZ – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 212 405

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-26/10/2015 fil-Każ R 720/2015-4

**Talbiet**

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;

— tikkonstata li l-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea tar-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 212 405 hija valida biex tindika l-prodotti segwenti: "Dqiq u preparazzjonijiet magħmulin miċ-ċereali; zokkor; għasel; għasel iswed; ħmira; trab tal-ħami; ħwawar; għaġina għall-kejkijiet; kejkijiet; kejkijiet iffriżati; kreps";

— konsegwentement, tannulla parzjalment id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Ottubru 2015 sa fejn din irrifjutat il-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea tar-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 212 405 għall-prodotti segwenti "Dqiq u preparazzjonijiet magħmulin miċ-ċereali; zokkor; għasel; għasel iswed; ħmira; trab tal-ħami; ħwawar; għaġina għall-kejkijiet; kejkijiet; kejkijiet iffriżati; kreps";

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009;

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2016 – Gauff vs UASI –H.P. Gauff Ingenieure (GAUFF)**

**(Kawża T-13/16)**

(2016/C 090/31)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Gauff GmbH & Co. Engineering KG (Nürnberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Molnar, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* H.P. Gauff Ingenieure GmbH & Co. KG – JBG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "Gauff" – Trade mark Komunitarja Nru 6 327 977

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 549/2015-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

sussidjarjament, tibgħat il-każ lura quddiem l-UASI għal eżami ulterjuri tal-elementi inkwistjoni li, b'mod żbaljat, ma ġewx eżaminati,

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedimenti tal-appell quddiem l-UASI.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikoli 53, 56, 57 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009 u ksur tar-Regolament Nru 2868/95 kif ukoll ksur tad-dritt għal smigħ u nuqqas ta' motivazzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' jannar 2016 – Apimab Laboratories *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-14/16)**

(2016/C 090/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Apimab Laboratoires (Clermont-l'Hérault, Franza), Sarl BBI – Blanche Bresson Institut (Barbentane, Franza), Institut de recherche biologique – IRB (Montaigu, Franza), Laboratoires Arkopharma (Carros, Franza), Laboratoires Juva Santé (Pariġi, Franza), Ortis (Bütgenbach, il-Belġju), Pierre Fabre Médicament (Boulogne-Billancourt, Franza), Pollenergie (Saint-Hilaire-de-Lusignan, Franza) (rappreżentant: A. de Brosses, avukat)